Fit-Tribunal tal-Konsumatur

Fl-atti tat-Talba CCT 5/22/F

Anthony Rizzo u b'digriet tat-Tribunal tal-5 ta' Diċembru 2022, l-atti ġew trasfużi f'isem Mary Heidi Rizzo stante l-mewt ta' Anthony Rizzo

vs

Nichol Chetcuti in rappreżentanza ta' Mecca Enterprises Limited (C-46555)

Illum, 27 ta' Marzu 2023

It-Tribunal:

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrent nhar it-12 ta' Jannar 2023 kif ukoll id-dokumentazjoni annessa;

Ra li s-soċjetà intimata ġiet debitament notifikata bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bil-formola tar-Risposta nhar il-5 ta' Marzu 2022;

Ra lis-soċjetà intimata naqset milli tippreżenta Risposta u naqset ukoll milli tidher għas-seduta tal-20 ta' Ġunju 2022 li għaliha kienet debitament notifikata u għas-seduta sussegwenti;

Ra illi fil-mori tal-proċeduri, ir-Rikorrent Anthony Rizzo ġie nieqes u li t-Tribunal, permezz ta' digriet tal-5 ta' Diċembru 2022, ordna t-trasfużjoni tal-ġudizzju f'isem Mary Heidi Rizzo sabiex b'hekk seta' jissokta s-smiegħ tat-Talba;

Sema' x-xhieda ta' Kurt Loporto imressaq mir-Rikorrenti;

Ra d-dokumenti eżebiti mir-Rikorrenti;

Ikkonsidra:

Illi permezz tat-Talba tiegħu, ir-Rikorrent, illum deċess, talab illi jiġi rifuż is-somma ta' mitejn u ħamsa u erbgħin Euro (€245.00) rappreżentanti l-valur ta' *cushion* tal-bank ta' dgħajsa ġdida konsenjata lilu mill-azjenda intimata li kienet nieqsa.

Illi fix-xhieda tiegħu, Kurt Loprto, li jiġi r-raġel tat-tifla tar-Rikorrent, jispejga il-ftheim bejn ir-Rikorrent u l-azjenda intimata kien li d-dgħajsa ġdida tiġi fornita kompluta bil-*cushions* fuq il-bankijiet fejn ipoġġu l-passiġġieri. Ġara li meta d-dgħajsa ġiet konsenjata, event li għalih kien preżenti personalment Kurt Loprto, irriżulta li l-bank ta' wara tad-dgħajsa kellu fil-fatt il-*cushion* nieqsa. Minn naħa tiegħu, Nichol Chetcuti, minflok provda din il-*cushion* bla ħlas għax kienet inkluża mad-dgħajsa kif miftiehem, talab ħlas ulterjuri fis-somma ta' mitejn u ħamsa u erbgħin Euro (€245.00) sabiex fi kliemu, din tiġi ordnata.

Illi s-soċjetà intimata effettivament naqset milli tqajjem difiżi in kontestazzjoni tat-talbiet tar-Rikorrenti u naqset ukoll biex tressaq provi biex tirribatti l-verżjoni tal-fatti mogħtija, f'dan il-każ, minn Kurt Loporto bħala xhud prodott mir-Rikorrenti.

Illi t-Talba tar-Rikorrent tikkorrispondi direttament għall-ammont mitlub mill-azjenda intimata sabiex tordna u tissuplixxi l-*cushion* in kwistjoni li kif dejjem isostni r-Rikorrent u Kurt Loporto, suppost kienet inkluża mad-dgħajsa.

Illi t-Tribunal iqis kemm li l-każ tar-Rikorrent ġie ppruvat b'mod sodisfaċenti skont il-liġi kif ukoll li dak li qed jiġi mitlub huwa fiċ-ċirkostanzi verosimili u ġust. Għalhekk, din it-Talba ser tiġi milqugħa.

Deċiżjoni:

Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi jilqagħha u jikkundanna lill-azjenda intimata sabiex tħallas lir-Rikorrenti s-somma ta' mitejn u ħamsa u erbgħin Euro (€245.00).

Spejjeż ta' dawn il-proċeduri ikunu a karigu tal-azjenda intimata.

Avv. Mattia Felice
Arbitru